MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1261/2005

**Michael Camenzuli**
**vs**
**Edin Mujic**

Numru
Talba Numru 1261/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' erba mija u hamsin lira Maltija (Lm450) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura tieghu b'numru ta' registrazzjoni DBB-049 bhala konsegwenza ta' incident li sehh nhar it-22 ta' April 2004 z-Zejtun meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni HVY-012 habat fil-vettura ta' l-attur, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li huwa mhux responsabbli ghall-incident de quo.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda ta’ Eric Sciberras (Warden G 273), Michael Camenzuli, George Cassar u Edin Mujic.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fil-25 ta’ Jannar 2006 meta l-konvenut iddikjara li ma hemmx kontestazzjoni fir-rigward tal-quantum tad-danni sofferti.

Ikkunsidra.

Din hija kawza ghal hlas ta’ danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta’ l-incident li sehh nhar it-22 ta’ April 2004 fi Triq ir-Ramla, Zejtun bejn il-vettura DBB-049, proprieta u misjuqa mill-attur, u l-vettura HVY-012, misjuqa mill-konvenut.

L-attur jghid li huwa kien qed isuq fi Triq ir-Ramla fid-direzzjoni taz-Zejtun biex jidhol f’ triq li hemm mal-Kappella ta’ San Gejtanu. Hekk kif kien ser idur f’din it-triq hass daqqa minn wara u b’l-impatt il-vettura tieghu mxiet l-quddiem fi Triq ir-Ramla u nqalbet biex giet tistrieh fuq il-genb tan-naha tal-passiggier u daret biex spiccat thares lura lejn id-direzzjoni minn fejn kienet gejja. Dan jidher ukoll mir-ritratti a fol 27 u 28 tal-process. Din il-verzjoni hija fil-bicca l-kbira taghha korroborata mix-xhieda ta’ George Cassar.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li fil-waqt li hu kien qed isuq fi Triq ir-Ramla, wkoll fid-direzzjoni taz-Zejtun, mit-triq li hemm ma genb il-Kappella ta’ San Gejtanu harget vettura (ta’ l-attur) b’salt u bir-*reverse*; kien ghalhekk li sehh l-impatt ghax l-konvenut jghid li ma kellux cans jevita l-vettura ta’l-attur.

It-Tribunal ihoss li ghandhu jirreferi ghal xi allegazzjonijiet ohra li ghamel il-konvenut u cioe dik:-

- li bhala konsegwenza ta’ l-impatt il-vettura ta’ l-attur “*regghet dahlet fit-triq li kienet gejja minnha*” li skond hu

kienet it-triq ta’ ma genb il-kappella [dan huwa qalu kemm f’l-ezami (xhieda a fol 47) u kemm fil-kontro ezami (xhieda a fol 48)]; u dik

- li l-vettura ta’l-attur “*spiccat thares lejn il-hajt*”, allegazzjoni li rega’ rrepeta meta qal li l-vettura ta’ l-attur spiccat “*at right angles mal-hajt*” (kontro ezami a fol 48).

Dawn iz-zewg allegazzjonijiet jirrizultaw minghajr dubju skorretti u konferma ta’ dan jghatuha mhux biss il-versjonijiet mghotija mill-attur u George Cassar imma fuq kollox ir-ritratti mehuda mill-warden li nvestiga l-kaz u li huma esebieti a fol 27 u 28 tal-process.

Punt iehor li t-Tribunal ihoss li ghandu certu referenza ghall-kaz in ezami huwa l-fatt li mir-ritratti esebieti a fol 29 u 30 jidher li d-daqqa fil-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fuq quddiem man-naha tax-xufier. Fatt, dan, li ma tantx hu kompatibbli ma versjoni li a bazi taghha l-attur hareg bir-*reverse* minn *side street* u ghal go triq principali u baqa diehel f’vettura li kienet ghaddejja mit-triq principali; f’din l-eventwalita kien ikun aktar probabbli li d-daqqa fil-vettura tal-konvenut kienet tkun fuq in-naha tal-passiggier.

Tenut kont ta’ dawn il-fatti, tal-hsarat riskontrati fil-vetturi u tal-provi kollha prodotti t-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni mghotija mill-attur hija aktar verosimili u li konsegwentement l-incident sehh tort tal-konvenut li ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. L-ammont reklamat mill-attur mhux kontestat u jidher spjegat fis-*survey report* esebiet a fol 2 tal-process.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba mija u hamsin lira Maltija (Lm450) b’l-imghaxx mis-27 ta’ Gunju 2005 u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------